**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 385/2015AM

Numru fuq il-Lista: 19

**Mobisle Communications Limited – C 24655**
**Triq Fra Diegu, Marsa, MRS 1501**

**Vs**

**Falzon Marouska (ID 201888M)**
**15 Gemini, Flat 3,**
**Triq l-Ghannejja,**
**Birzebbugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fil-25 ta' Mejju, 2015 permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet l-hlas ta' tlett mija u sittax-il ewro u hamsa u disghin centezmu (€316.95c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40174597 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-kont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Registru Elettorali u Dok

IZY 4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12; illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti ghallhekk kellha ssir din l-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenuta ma kkontestatx l-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-Socjeta' attrici prezentata fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2015 li permezz taghha t-talba tas-Socjeta' attrici giet ridotta ghal hamsa u sebghin ewro (€75).

Ra l-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu xehdet li tali ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-Socjeta' attrici s-somma tal-hlas ta' hamsa u sebghin ewro (€75) bilanc ta' somma aktar bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**